

KE, 2003/86/KE u 2003/192/KE, tal-20 ta' Diċembru 2001, dwar skema ta' għajnuna mill-Istat implementata minn Spanja fl-1993 favur ċerti impriżi ġodda stabbiliti fil-provinċja ta' Álava (T-86/02), ta' Vizcaya (T-87/02) u ta' Guipúzcoa (T-88/02) (rispettivament ĠU 2003, L 17, p. 20, ĠU 2003, L 40, p. 11, u ĠU 2003, L 77, p. 1), taħt il-forma ta' eżenzjoni mit-taxxa fuq il-kumpanniji.

## **Dispożittiv**

- 1) L-appelli huma miċħuda.
- 2) It-Territorio Histórico de Vizcaya – Diputación Foral de Vizcaya, it-Territorio Histórico de Álava – Diputación Foral de Álava, it-Territorio Histórico de Guipúzcoa – Diputación Foral de Guipúzcoa u l-Comunidad autónoma del País Vasco – Gobierno Vasco huma kkundannati f'partijiet indaqs għall-ispejjeż relatati mal-preżenti appelli.
- 3) Ir-Renju ta' Spanja għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess.

## **Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tad-9 ta' Ġunju 2011 – TF1 vs II-Kummissjoni**

**(Kawża C-451/10 P)**

“Appell — Għajnuna mill-Istat — Artikolu 86(2) KE — Servizz pubbliku ta' xandir —  
Deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet — Prova — Effettività ekonomika tal-  
impriża”

*1. Għajnuna mogħtija mill-Istati — Proġetti ta' għajnuna — Eżami mill-Kummissjoni — Fażi preliminari u fażi kontradittorja — Kompatibbiltà ta'*

*għajnuna mas-suq komuni — Diffikultà ta' evalwazzjoni — Obbligu tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura kontradittorja — Kunċett — Diffikultajiet serji — Oneru u portata tal-prova fil-każ ta' rikors għall-annullament tad-deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet (Artikolu 88(2) u (3) KE; Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999, Artikolu 4(3)) (ara l-punti 47 sa 50, 52)*

2. *Appell — Motiv addizzjonali li jiġġustifika d-dispożittiv tas-sentenza — Ċaħda (ara l-punti 62, 63)*

## **Suġġett**

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla), tal-1 ta' Lulju 2010, TFI u M6 vs Il-Kummissjoni (T-468/08 u T-573/08), li permezz tagħhom il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tar-rikorrenti intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2008) 3506 finali, tas-16 ta' Lulju 2008, dwar il-proġett ta' għoti mir-Repubblika Franċiża ta' kapital ta' EUR 150 miljun lil France Télévisions SA - Ksur tar-regoli dwar l-oneru u l-produzzjoni tal-prova - Ksur tal-Artikolu 106(2) TFUE - Kunċett ta' "servizz ta' importanza ekonomika ġenerali" - Assenza ta' diffikultajiet serji.

## **Dispożittiv**

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Télévision française 1 SA (TF1) hija kkundannata għall-ispejjeż.
- 3) Canal + u r-Repubblika Franċiża għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.